12 ta' Dicembru 2022

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
14 DEC 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/3419/22* |
| *Lokazzjoni:* | *192, 194, Sunny Hills, Triq Patri Guze Delia, Mosta* |
| *Proposta:* | *Internal Alterations and subdivision of ground floor residential unit approved in PA 4640/15 into two residential units* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Joe Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant Joseph Attard jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2022, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 3419/22.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (EPC) u ppublikata fis-16 ta' Novembru 2022, l-istess Kummissjoni cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-analizi li saret ma anlizzatx il-kuntest kollu tal- binja in kwistjoni u l-fatt illi minkejja certu limitazzjonijiet, l-appartament il-gdid li kien ser jinholoq jilhaq l-aspettattivi u l-kristeji kollha necessarji sabiex proprjeta tkun abitabbli.

1.2 Illi l-analizi li saret kienet wisq tassattiva u l-Awtorita ma uzatx id-diskrezzjoni moghtija lilha a bazi tal- AL 227/2016, u dan dejjem tenut kont tal-fattispeci tal- kaz odjern.

1.3 Illi is-sular kollu mertu tal- kaz odjern huwa diga munit bil-permessi necessarji sabiex iserv ta' abitazzjoni. Ma taghmilx sens illi d-divizjoni ta' l-istess proprjeta tigi rifjutata minhabba "adequate outlook" u dan stante illi dak is-sular kollu huwa diga munit bil-permessi necessarji.

1.4 Illi kif ser jigu ampjament ippruvat waqt dan l-appell, l-izvilupp propost huwa in linea ma dak provdut fil-policies rispettivi u anke simili ta' permessi ohra diga approvati f' kuntest simili ghal dak odjern.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant konsulenti tieghu kif ukoll ufficjali ta' l-awtorita u consultees taghha sabiex jixdhu dwar il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**